MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 406/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Godwin Agius**
***… omissis …***

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Godwin Agius u *omissis* talli f'dawn l-ahhar gimghat bla hsieb li jisirqu jew jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jesercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, b'awtorita` taghhom infushom, fixklu lil George Desira mill-pussess ta' hwejgu meta ostakulawlu l-access ghax-xatba permezz ta' katina u serratura maqfula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Awwissu 2012 li

permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Godwin Agius hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 85 u 377 tal-Kap 9,  ikkundannatu jhallas hames mitt euro multa u ordnatlu li zmien mhux oltre hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza appellata jnehhi kull ostakolu li jipprekludi lil George Desira milli jghaddi minn fuq l-ghalqa bl-istess mod u manjiera li kien gia` jghaddi biex jaccedi ghar-razzett retropost l-imsemmija ghalqa u dan taht penali ta’ hmistax-il euro kuljum fin-nuqqas; inoltre a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9 ikkundannatu jhallas lir-Registratur ta’ dawn il-Qrati l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-espert nominat, il-Perit Arkitett Mario Cassar;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Godwin Agiusipprezentat fit-30 ta’ Awwissu 2012 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza appellata billi tapplika piena anqas onoruza u thassar dik il-parti fejn gie ordnat ihallas lir-Registratur ta’ dawn il-Qrati l-ispejjez inkorsi fin-nomina ta’ l-espert nominat, il-Perit Arkitett Mario Cassar;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hi nulla stante li l-imputazzjoni ma tirreferi ghall-ebda data, hin u post u ghalhekk hi nieqsa mill-elementi bazici biex tkun valida imputazzjoni; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma gewx pruvati l-elementi kollha mehtiega biex tigi ppruvata l-imputazzjoni ta’ ragion fattasi; (3) li l-ewwel Qorti ma ratx sew u ma haditx in konsiderazzjoni x-xiehda ta’ l-appellant stess u dik ta’ l-Assistent Direttur Taqsima tal-Proprjetajiet u ohrajn li xehdu f’dawn il-proceduri; (4) li l-ewwel Qorti ghamlet zball meta kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez ta’ l-espert meta l-espert gie nominat fil-proceduri **Il-Pulizija v. George Desira**.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Bezzina** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004:

"F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

**"'Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.'**

"Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fissentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija** vs **Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

**"'L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-**

**funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."**

"U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:**

**"'Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**"'.....**

**"'Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."**

"Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din ilQorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

**"'Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri**

**b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.'"**

**7.** Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-hin, izda l-artikolu 360(2) ma jirreferix ghall-"hin" tar-reat izda ghaz-"zmien" u c-citazzjoni effettivament taghti indikazzjoni taz-"zmien" meta allegatament sehh ir-reat in kwistjoni meta tghid "f'dawn l-ahhar gimghat" li naturalment jigu kalkolati lura mid-data tac-citazzjoni (is-6 ta' April 2011). Huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-lok fejn allegatament sehh ir-reat izda, apparti li l-appellant kien jaf ben tajjeb ghal liema xatba kienet qed issir referenza fic-citazzjoni, fid-dawl tal-gurisprudenza sucitata, tali nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni jew tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza. Konsegwentement it-talba ta' l-appellant biex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla hi michuda.

**8.** It-tieni u t-tielet aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, ir-reat dedott kontra l-appellant hu dak ta' *ragion fattasi*. Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' *ragion fattasi* jridu jikkonkorru dawn l-elementi:

**"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni able Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto,**

**johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' *ragion fattasi* jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' *ragion fattasi* jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".**[1]

**9.** Skond l-appellant, George Desira qatt ma kellu pussess ta' xi dritt ta' passagg minn fuq l-ghalqa accessibbli mix-xatba in kwistjoni. Issa, filwaqt illi l-*aerial photo* esebit minn Martin Bajada ma juri l-ebda passagg, l-*aerial photos*ipprezentati mill-espert il-Perit Mario Cassar (nominat b'digriet tat-28 ta' Gunju 2012) tas-snin 2004 u 2008 juru minghajr dubju ta' xejn passagg ghaddej minn go nofs l-art li tinsab fil-pussess ta' l-appellant. Kif ukoll jghid il-Perit Cassar fir-relazzjoni tieghu dwar l-*aerial view Dok.Google 25/08/2011*, "ghad jidhru tracci tal-allegata moghdija mill-istess ghalqa ta' Godwin Agius". Ghalhekk m'hemmx dubju li f'xi zmien George Desira beda jghaddi mill-ghalqa ta' l-appellant sabiex jaccedi ghar-razzett tieghu, tant illi l-appellant fixklu milli jkompli jghaddi billi qafillu x-xatba mnejn kien jghaddi u sussegwentement jidher li anke harat l-ghalqa bil-passagg b'kollox. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi*, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tindaga oltre l-pussess. L-appellant kien jaf illi George Desira kien jghaddi minn fuq l-ghalqa tieghu, fixklu milli jghaddi anke jekk seta' jobsor li Desira kien se jopponi, dehrlu li kellu dritt isakkar ix-xatba ghax sostna li Desira kellu passagg iehor minn fejn jghaddi, u certament, fid-dawl tal-kwistjonijiet kollha li qamu bejnu u Desira tul l-ahhar snin u rapporti kontra xulxin kien jaf li kien qieghed jaghmel hekk *"di privato braccio"*.

**10.** Anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument George Desira kien jghaddi b'mera tolleranza, il-gurisprudenza taghna hi cara. Hekk fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Micallef** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Lulju 2004, fejn si trattava wkoll ta' l-uzu ta' passagg, l-appellant Anthony Micallef f'dak il-kaz kien

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

jippretendi li huh kien qed juza rampa biss b'tolleranza. F'dik is-sentenza ntqal hekk: **"Il-pretensjoni ta' l-appellant li huh kien qed jithalla juza r-rampa biss b'tolleranza u li ghalhekk ma kellu ebda dritt ta' passagg jekk mhux bil-bona grazzja tieghu, huwa kellu se mai jiddeduciha quddiem il-qorti kompetenti civili, u mhux jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh billi effettivament jimpedih milli jaccedi ghall-ghelieqi tieghu kif kien ilu jaghmel."**

**11.** Fic-cirkostanzi ghalhekk it-tieni u t-tielet aggravji huma michuda.

**12.** Dwar ir-raba' aggravju, m'hemmx dubju illi l-Perit Mario Cassar gie nominat fiz-zewg kawzi li kienu qeghdin jinstemghu kontestwalment, u cioe` kemm dik kontra l-appellant kif ukoll dik kontra George Desira. Issa, l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

**"Meta l-kawza ssir mill-Pulizija *ex officio*, il-Qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew lil hatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri…."**

**13.** F'dan il-kaz jirrizulta li l-kawza ma tmexxietx mill-Pulizija *ex officio* izda permezz ta' kwerela li l-Avukat Dottor Josette Grech baghtet lill-Pulizija ghan-nom ta' George Desira (ara kwerela a fol. 3 – 5 tal-process). Ghalhekk l-appellant ma kellux jigu kkundannat ghall-ispejjez peritali ghax il-ligi titkellem car f'dar-rigward. Ara f'dan is-sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2008 u s-sentenza **Il-Pulizija v. Josephine Bartolo et** moghtija fit-2 ta' Lulju 2008.

**14.** Kwantu ghall-piena, din hi fil-parametri tal-ligi.

**15.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat lill-appellant

ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez ta’ l-espert il-Perit Mario Cassar, u tikkonfermaha fil-bqija, b’dan li l-perijodu sabiex l-appellant inehhi l-ostakolu li jipprekludi lil George Desira jghaddi mill-ghalqa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------